



Bord tal-Amministrazzjoni

DEĊIŻJONI TAL-BORD TAL-AMMINISTRAZZJONI
TAC-ĊENTRU TAT-TRADUZZJONI GĦALL-KORPI TAL-UNJONI EWROPEA
LI TADOTTA L-BAĠIT EMENDATORJU 2/2015 – CT/CA-027/2015MT

IL-BORD TAL-AMMINISTRAZZJONI TAC-ĊENTRU TAT-TRADUZZJONI GĦALL-KORPI TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/94 tat-28 ta' Novembru 1994 li jistabbilixxi Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea ('iċ-Ċentru tat-Traduzzjoni'), kif l-aħħar emendat mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1645/2003 tat-18 ta' Ġunju 2003,

Wara li kkunsidra r-Regolament Finanzjarju tat-2 ta' Jannar 2014 applikabbli għaċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea (Ref. CT/CA-051/2013EN),

Billi:

- (1) Kwalunkwe emenda għall-baġit taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għandha tkun is-suġġett ta' baġit emendatorju adottat skont l-istess proċedura bħall-baġit inizjali taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni.
- (2) Il-Bord tal-Amministrazzjoni għandu jadotta baġits emendatorji abbażi tal-abbozzi mħejjija mid-Direttur.

ADOTTA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-baġit emendatorju 2/2015, kif jinsab anness għal din id-deċiżjoni, qiegħed b'dan jiġi adottat.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, 28 ta' Ġunju 2015.

Għall-Bord tal-Amministrazzjoni

R. Martikonis

President

Anness: Baġit emendatorju 2/2015



Bord tal-Amministrazzjoni

BAĠIT EMENDATORJU 2/2015

CT/CA-027/2015MT

WERREJ

I. INTRODUZZJONI

A. INTRODUZZJONI ĠENERALI

B. DĦUL

C. NFIQ

II. DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U TAL-INFIQ – FARSJA ĠENERALI

III. DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U TAL-INFIQ 2015 – DETTALJI

I. INTRODUZZJONI

A. INTRODUZZJONI ĠENERALI

Iċ-Ċentru tat-Traduzzjoni fassal dan il-baġit emendatorju 2/2015, skont l-Artikolu 34 tar-Regolament Finanzjarju tiegħu tat-2 ta' Jannar 2014, għar-raġunijiet li ġejjin:

- L-eċċess baġitarju mis-sena preċedenti kien introdott f'dan il-baġit.
- FI-2015, biex jillimita ż-żieda tal-eċċess baġitarju akkumulat taċ-Ċentru, iċ-Ċentru se jrodd lura l-eżitu baġitarju pożittiv tal-2014 lill-klijenti tiegħu. Żieda ta' EUR 265 000 hija meħtieġa fil-Kapitolu 32, 'Nfiq relatat mal-programm CdT elettroniku'. B'segwitu ta' testijiet ta' xi wħud mill-klijenti tiegħu, iċ-Ċentru mexxa 'l quddiem l-implimentazzjoni ta' numru ta' funzjonalitajiet ġodda u miżuri ta' sigurtà mill-2016 għall-2015.

L-ammonti kollha f'dan id-dokument huma f'euro.

B. DĦUL

Id-dħul totali previst għall-2015 huwa ta' EUR 49.6 miljun, imqassam kif ġej:

Titolu	Dħul (EUR)
1. Aġenziji u korpi	39 930 700
3. Kooperazzjoni interistituzzjonali (Istituzzjonijiet Ewropej)	3 120 300
4. Dħul ieħor	343 250
5. Trasferimenti minn fondi ta' riżerva minn snin preċedenti	11 140 962
6. Rimborżi	-4 949 712

Is-somma li tikkorrispondi għall-eżitu tal-baġit li għandha tiġi riportata mill-2014, jiġifieri EUR 5.0 miljun, iddaħlet fid-dħul għall-2015 fil-Partita 5000, 'Eċċess riportat mis-sena finanzjarja preċedenti'. Minn dan l-ammont, l-eċċess tal-baġit fit-tifsira tal-Artikolu 97 tar-Regolament Finanzjarju taċ-Ċentru se jiġi rimborżat lill-klijenti fl-2015, skont id-deċiżjoni tal-Bord tal-Amministrazzjoni taċ-Ċentru tal-24 ta' Marzu 2015 (ref. CT/CA-012/2015). Għall-2014, dan l-ammont kien ta' EUR 2.6 miljun. Dan ifisser li, flimkien mar-rimborż ta' EUR 2.3 miljun mill-'Fond ta' riżerva għall-istabbiltà tal-prezzijiet', approvat fl-ewwel baġit emendatorju għall-2015, iċ-Ċentru jkun irrimborża total ta' EUR 4.9 miljun matul l-2015, inklużi fil-Partita 6000, 'Rifużjonijiet lill-klijenti'. Ir-rimborż tal-eċċess tal-baġit għall-2014 lil kull klijent ġie kkalkulat bi proporzjon għall-parti tal-klijent tad-dħul ġenerali taċ-Ċentru fl-2014, bl-esklużjoni tad-dħul mill-IATE u dħul ieħor mhux relatat mad-dispożizzjoni tas-servizzi lingwistiċi.

Barra minn hekk, iċ-Ċentru ttrasferixxa għad-dħul EUR 265 000 addizzjonali mill-'Fond ta' riżerva għal investimenti ta' eċċezzjoni', inklużi fil-Partita 5010. Dan l-ammont jikkorrispondi għaż-żieda prevista fl-infiq għall-programm CdT elettroniku fil-Kapitolu 32.

B'segwitu għall-bidliet fid-dħul u fl-infiq, it-trasferiment mill-'Fond ta' riżerva għall-istabbiltà tal-prezzijiet' tnaqqas b'EUR 2 635 782 biex jiġi bbilanċjat il-baġit.

C. NFIQ

Iċ-Ċentru ra l-ħtieġa li jalloka l-ammont ta' EUR 265 000 għall-Kapitolu 32 'Nfiq relatat mal-programm CdT elettroniku'. Il-parti ewlenija, EUR 260 000, hija meħtieġa għal amministratur tal-bażi tad-data u żewġ żviluppaturi għal parti mis-sena. EUR 5 000 huma meħtieġa għal nfiq operattiv ieħor, bħal

testijiet li jwettqu l-klijenti u l-fornituri. Din iż-żieda hija bilanċjata bi trasferiment għad-dħul mill-'Fond ta' riżerva għal investimenti ta' eċċezzjoni'.

Sabiex ma jiżdedx il-baġit totali għat-Titoli 1-3, li jkun jeħtieġ żieda fil-'Fond ta' prefinanzjament permanenti' taċ-Ċentru, il-baġit għall-Partita 3000, 'Servizzi esterni tat-traduzzjoni', tnaqqas b'EUR 265 000.

Saru tliet trasferimenti u huma inklużi għall-finijiet ta' informazzjoni f'dan il-baġit emendatorju. Ammont ta' EUR 7 500 ġie trasferit bejn il-partiti fil-Kapitolu 32 (programm CdT elettroniku), jiġifieri mill-Partiti 3202 (EUR -2 500) u 3203 (EUR -5 000) għall-Partita 3201, biex ikopri laqgħat ma' klijenti u esperti oħra, kif ukoll nfiq varju ieħor.. Ammont ta' EUR 630 ġie trasferit mill-Partita 2000, 'Kera', għall-Partita 1400, 'Ristoranti u kantins'.

II. DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U TAL-NFIQ – FARSA ĠENERALI

Titolu	Intestatura	Ammont ġdid 2015	Baġit emendatorju 2/2015	Baġit emendatorju 1/2015
	DĦUL			
1	PAGAMENTI MILL-AĠENZIJI U MILL-KORPI	39 930 700	0	39 930 700
2	SUSSIDJU MILL-KUMMISSJONI	p.m.	0	p.m.
3	KOOPERAZZJONI INTERISTITUZZJONALI	3 120 300	0	3 120 300
4	DĦUL IEĦOR	343 250	0	343 250
5	EĊĊESS RIPOSTAT MIS-SENA FINANZJARJA PREĊEDENTI U TRASFERIMENTI MINN FONDI TA' RIŻERVA MINN SNIN PREĊEDENTI	11 140 962	2 649 712	8 491 250
6	RIMBORŻI	-4 949 712	-2 649 712	-2 300 000
	TOTAL	49 585 500	0	49 585 500
	NFIQ			
1	PERSUNAL	24 245 030	630	24 244 400
2	BINI, TAGĦMIR U NFIQ OPERATTIV VARJU	7 051 470	-630	7 052 100
3	NFIQ OPERATTIV	18 289 000	0	18 289 000
10	FONDI TA' RIŻERVA	p.m.	0	p.m.
	TOTAL	49 585 500	0	49 585 500

DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U TAL-INFIQ – DETTALJI					
		Ammont ġdid	Baġit emendatorju 2/2015	Baġit emendatorju 1/2015	Rimarki
DĦUL					
1	PAGAMENTI MILL-AĠENZIJI, L-UFFIĊĊJI, L-ISTITUZZJONIJIET U L-KORPI	39 930 700	0	39 930 700	
2	SUSSIDJU MILL-KUMMISSJONI	p.m.	0	p.m.	
3	KOOPERAZZJONI INTERISTITUZZJONALI	3 120 300	0	3 120 300	
4	DĦUL IEĦOR	343 250	0	343 250	
5000	Eċċess riportat mis-sena finanzjarja preċedenti	5 020 494	5 020 494	p.m.	Eċċess riportat mis-sena finanzjarja preċedenti skont l-Artikolu 20(1) tar-Regolament Finanzjarju ta' Ċentru tat-2 ta' Jannar 2014.
500	Eċċess riportat mis-sena finanzjarja preċedenti	5 020 494	5 020 494	p.m.	
5010	Trasferiment mill-'Fond ta' riżerva għal investimenti ta' eċċezzjoni'	1 074 000	265 000	809 000	It-trasferiment mill-'Fond ta' riżerva għal investimenti ta' eċċezzjoni' jikkorrispondi għall-ispejjeż fil-Kapitolu 32, 'Infq relatat mal-programm CDT elettroniku'. L-ammont totali tal-fond ta' riżerva huwa EUR 1 919 258.
5015	Trasferiment mill-'Fond ta' riżerva għall-istabbiltà tal-prezzijiet'	5 046 468	-2 635 782	7 682 250	It-trasferiment inizjali mill-'Fond ta' riżerva għall-istabbiltà tal-prezzijiet' kien meħtieġ minħabba d-deċiżjoni ta' Ċentru li jnaqqas il-prezz għat-traduzzjoni ta' dokumenti u għall-marki kummerċjali fl-2015, u biex iżomm il-prezzijiet tal-2014 għas-servizzi l-oħra tiegħu. Ammont addizzjonali ġie trasferit fl-ewwel baġit emendatorju, għall-ewwel rimborż lill-klijenti u għall-infq relatat mal-kiri possibbli ta' spazju addizzjonali għall-uffiċċji. Bl-introduzzjoni tal-eċċess riportat mill-2014, fil-Partita 5000, il-ħtieġa li jintuża l-'Fond ta' riżerva għall-istabbiltà tal-prezzijiet' titnaqqas. L-ammont totali tal-fond ta' riżerva huwa EUR 10 583 084.
5016	Trasferiment mill-'Fond ta' riżerva għall-ispejjeż ta' rilokazzjoni'	p.m.	0	p.m.	
5017	Trasferiment mill-'Fond ta' riżerva għaż-żieda kkontestata fis-salarji'	p.m.	0	p.m.	
501	Trasferimenti minn fondi ta' riżerva minn snin preċedenti	6 120 468	-2 370 782	8 491 250	
50	EĊĊESS RIPORTAT MIS-SENA FINANZJARJA PREĊEDENTI U TRASFERIMENTI MINN FONDI TA' RIŻERVA MINN SNIN PREĊEDENTI	11 140 962	2 649 712	8 491 250	

		Ammont ġdid	Baġit emendatorju 2/2015	Baġit emendatorju 1/2015	Rimarki
5	EĊĊESS RIPOSTAT MIS-SENA FINANZJARJA PREĊEDENTI U TRASFERIMENTI MINN FONDI TA' RIŻERVA MINN SNIN PREĊEDENTI	11 140 962	2 649 712	8 491 250	
6000	Rifużjonijiet lill-klijenti	-4 949 712	-2 649 712	-2 300 000	Iċ-Ċentru rrimborża EUR 2 300 000 lill-klijenti tiegħu f'April 2015, u se jirrimborża EUR 2 649 712 addizzjonali fl-2015, l-ammont li jikkorrispondi mal-'Bilanċ tal-kont ta' eżitu baġitarju għas-sena finanzjarja' 2014.
600	Rifużjonijiet lill-klijenti	-4 949 712	-2 649 712	-2 300 000	
60	RIMBORŻI LILL-KLIJENTI	-4 949 712	-2 649 712	-2 300 000	
6	RIMBORŻI	-4 949 712	-2 649 712	-2 300 000	
	Dħul totali	49 585 500	0	49 585 500	
	INFIQ				
1400	Ristoranti u kantins	2 130	630	1 500	Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż tat-tmexxija ta' ristoranti, kafeteriji u kantins, b'mod partikolari l-kuntratti għall-manutenzjoni tal-faċilitajiet, il-provvista tat-tagħmir, eċċ.
140	Infrastruttura soċjo-medika	2 130	630	1 500	
14	INFRASTRUTTURA SOĊJO-MEDIKA	280 530	630	279 900	
1	PERSUNAL	24 245 030	630	24 244 400	
2000	Kiri ta' bini u spejjeż assoċjati	2 164 670	-630	2 165 300	Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlas ta' kirijiet ta' bini jew partijiet ta' bini u l-ispejjeż għall-parkeġġ użati miċ-Ċentru.
200	Investiment fil-proprjetà immobbli, kiri ta' bini u spejjeż assoċjati	2 164 670	-630	2 165 300	
20	INVESTIMENT FIL-PROPRJETÀ IMMOBBLI, KIRI TA' BINI U SPEJJEŻ ASSOĊJATI	3 027 870	-630	3 028 500	

		Ammont ġdid	Baġit emendatorju 2/2015	Baġit emendatorju 1/2015	Rimarki
2	BINI, TAGĦMIR U NFIQ OPERATTIV VARJU	7 051 470	-630	7 052 100	
3000	Servizzi esterni tat-traduzzjoni	16 445 000	-265 000	16 710 000	Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-infiq relatat mas-servizzi ta' fornituri ta' servizz estern għas-servizzi lingwistiċi, jiġifieri t-traduzzjoni ta' dokumenti u marki kummerċjali Komunitarji, revizzjoni u modifika ta' traduzzjonijiet u l-editjar lingwistiku, kif ukoll xogħol ta' terminoloġija u t-traduzzjoni u r-reviżjoni ta' listi ta' termini. It-tnaqqis qiegħed biex jagħmel tajjeb għaż-żieda fil-Kapitolu 32, sabiex il-baġit fit-Titoli 1-3 jibqa' taħt il-limitu għal meta l-fond ta' prefinanzjament permanenti taċ-Ċentru jkollu jżjed.
300	Servizzi esterni tat-traduzzjoni	16 445 000	-265 000	16 710 000	
30	SERVIZZI ESTERNI TAT-TRADUZZJONI	16 445 000	-265 000	16 710 000	
3100	Kooperazzjoni interistituzzjonali fil-qasam lingwistiku	770 000	0	770 000	
310	Spejjeż relatati mal-kooperazzjoni interistituzzjonali	770 000	0	770 000	
31	SPEJJEŻ RELATATI MAL-KOOPERAZZJONI INTERISTITUZZJONALI	770 000	0	770 000	
3200	Spejjeż ta' misjonijiet u spejjeż oħra tal-persunal relatati mal-programm CdT elettroniku	p.m.	0	p.m.	
3201	Infiq operattiv varju relatat mal-programm CdT elettroniku	7 500	7 500	p.m.	Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-infiq operattiv varju relatat mal-programm CdT elettroniku, minbarra infiq tal-IT.
3202	L-infiq għall-hardwer u s-softwer relatat mal-programm CdT elettroniku	26 500	-2 500	29 000	Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-infiq għall-hardwer u s-softwer relatat mal-programm CdT elettroniku.
3203	Konsulenza tat-teknoloġija tal-informatika relatata mal-programm CdT elettroniku	1 040 000	260 000	780 000	Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-infiq għall-konsulenza tal-IT relatata mal-programm CdT elettroniku. Iż-żieda hija minħabba l-infiq relatat ma' tibdil fl-ippjanar, sabiex jitwasslu b'mod aktar mgħaġġel funzjonalitajiet ġodda u implimentazzjoni ta' sigurtà. Iż-żieda se tkopri amministratur ta' bażi ta' data (EUR 90 000) u żewġ żviluppaturi oħra għal seba' xhur fl-2015, (EUR 170 000). L-infiq fil-Kapitolu 32 huwa kopert bi trasferimenti mill-'Fond ta' riżerva għal investimenti ta' eċċezzjoni', partita 5010 tad-dħul.
320	Infiq relatat mal-programm CdT elettroniku	1 074 000	265 000	809 000	
32	INFIQ RELATAT MAL-PROGRAMM CDT ELETTRONIKU	1 074 000	265 000	809 000	
3	INFIQ OPERATTIV	18 289 000	0	18 289 000	

		Ammont ġdid	Baġit emendatorju 2/2015	Baġit emendatorju 1/2015	Rimarki
10	FONDI TA' RIŻERVA	p.m.	0	p.m.	
	Infiq totali	49 585 500	0	49 585 500	